**_Kunsill Lokali Marsaskala_**
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 32**

**It-Tnejn 20 ta' Dicembru 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
John Schembri – Kunsillier

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**32.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittra t'apoloġija mill-Kunsillier il-Perit John Schembri filwaqt li l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud, Is-Sur Ryan Portelli ma nfurmawx lill Kunsill u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon batet fuq ic-chat fuq whatsapp fejn din m'hijiex meqjusa uffiċjali.

**32.2** ***Is-Segretarju Ezekuttiv talab sospenzjoni tar-regolamenti sabiex l-Kunsill jghaddi ghall Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-hlasijiet fuq punt numru 32.8 minhabba li l-Kunsill ser ikun qed imexxi l-ufficini tieghu fil-gimg]a li gejja u ghalhekk il-pagamenti jkunu jistghu jibdew jinhadmu minnufih biex hadd ma jibqa minghajr hlas:***

- ***Talba ghal sospenzjoni tar-regolamenti ghall punt numru 32.8.***

**32.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:</u>**

**32.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*invoices* li daħlu tard.

- Standard Publications – Advert- Inv 100297 -€66.08
- Mr Curt Farrugia- Dismentling of ACS from Local Council– €180.00

**32.8.2** ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**32.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 31 li saret Nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru 2021:</u>***

**32.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi pagna 5 artiklu 31.2.12 għandu jinqara kif ġej:

''Il-Viċi Sindku qalet illi ibbukjajna l-istalls u għandha tiltaqgħa mal MAFA l-ġimgħa d-dieħla magħhom. Hi qalet li id-dati se jkunu mit-10 sa 12 ta' Diċembru 2021. Il-Ġimgħa 10 u s-Sibt 11 ta' Dicembru mil-5:00pm sa nofsilejl u l-Ħadd 12 ta' Diċembru mil-10:00am sa nofsilejl.''

**32.2.2** Il-Kunsllier is-Sur Charlot Mifsud qal illi pagna 9 artiklu 31.7.4 paragrafu seba għandu jinidel u jinqara kif gej:

''Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi jiswa mall-€1,100 kieku tixtriħ ġdid''.

**32.2.3** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal pagna 7 artiklu 31.5.4 għandha titħassar is-sentenza mnizzla hawn taħt għaliex filfatt dan it-taraġ diġa sar:

''Is-Sindku staqsa fuq it-taraġ ta' Triq Santa Tereza.''

''Is-Segretarju Ezekuttiv dak ma jistax isir għalissa.''

**32.2.4** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 31 li saret Nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru 2021:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u s-Sindku s-Sur Mario Calleja ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**32.2.5** ***Matters arising:***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq pagna 4 artiklu 31.2.7 fejn kienu diskussi l-ispralli fi Triq San Ġwakkin fejn jikkonferma illi x-xogħol fuqhom sar u din id-darba saru tajjeb ħafna għaliex għamlu anke l-pjanċi biex il-konkos jaqgħad sew.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 31.2.10 fejn staqsa lill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri sabiex jinfurma lill Kunsill x'sar fuq il-lampi ta Ġnien David Vella.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tkellem mas-Sur Joe borg u ix-xogħol għaddej alissa hemm reflector temporanju pero id-dawl għadu ma wasalx.

**32.2.6** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq pagna 31.2.11 rigward il-parkegg tal-iskola fejn qal illi hu qal illi rcieva korrispondenza ohra minghand is-Sur Fabri fejn infurmah illi ghaddejin diskussjonijiet mall-fundazzjoni tal-iskejjel u x-xoghol miexi.

**32.2.7** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 31.2.12 fejn qal illi l-Xmas Village kellu jitħassar minħabba kumplikazzjonijiet li kieu ser jinqalgħu minħabba l-maltemp u l-lokazzjoni li kienu ser jitpoġġew l-istalls fejn wieħed ftit kellu kontroll fuq is-sitwazzjoni pero jħoss illi darboħra jkun jistgħa jsir fi Ġnien Sant'Anna u għandu jkun hemm biss il-post li jsir dan il-Villaġġ tal-Milied fejn din is-sena ma setgħax iseħħ minħabba li għaddejin ix-xogħolijiet fuq il-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk is-siġra tal-Milied hux qed tixgħel għaliex hu ra mitfija.

is-Sindku qal illi ser ninfurmaw lis-Sur Noel sabiex jirranġa jekk hemm xi ħsarat.

**32.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa lill Kunsillier is-Sur John B Camilleri mil-pitch sa Ġnien Alfed Debono kienu mitfijin il-bozoz.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dak kienu ħsarat tal-maltemp li tirranġaw pero kin hemm l-aħħar tlett bozoz ħdejn id-dar il-ħamra fejn kien hemm ħsarat fil-wires li kellu jidiskonnektja id-dawl temporanjament.

**32.2.9** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li l-bankijiet ta fuq il-pitch twaħħlu kif ukoll it-tapit fil-bandli San Tumas fejn kien hemm l-outdoor gym tlesta ukoll. Is-Sindku qal illi l-ħaddied tal-Kunsill ser ikun qed jgħamel ir-railing tal-parti ta wara tal-Kunsill il-ġdid.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward il-bini tal-Kunsill l-ewwel net jixtieq jirringrazzja lis-Sinjorina Lucille Bonnici tax-xogħol li għamlet fejn ikkordinat mal-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll kienet prezenti ħafna flimkien mall-ħaddiema l-oħra fuq xogħolijiet li kienu qed isiru kif ukoll laqgħat mal-Periti u diretturi tal-BAVA sabiex assigurat li x-xogħol kien qed isir sew kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud li ma għadditx ġurnata li ma kienx ikun prezenti u qal illi dawn l-aħħar tlett ġimgħat ix-xogħol mexa ġmielu grazzi għas-Sur Valerio Camilleri illi hu wieħed mid-diretturi tal-kumpanija kif ukoll ħaddiem li stinka u għadu qed jaħdem ħafna fuq il-binja tal-Kunsill, hu qal illi din il-ġimgħa ser jasal il-madum ta barra u ħa inizjattiva li qata s-siġar kif ukoll ltaqa mall-Kunsillier is-Sur John B Camileri fejn ftehmu fejn għandhom jitwaħllu d-dawl mal-ġnien.

**32.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu kellu ideja sbaljata fuq dan l-individwu pero dan l-aħħar sar ħafna xogħol siewi li qed isir speċjalment mindu ġie s-Sur Valerio Camilleri fejn ħa inizjattivi anke sabiex jorganizza l-landscaping fuq barra tal-Kunsill kif ukoll kemm hu attent fuq ix-xoghol u jekk ma jkunx l-aqwa jġiegħel lill ħaddiema biex jirranġaw minnufih u jibqgħu jaħdmu gieli sal-ħdax ta' filgħaxija.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi importanti li jibgħatilna r-rata ta kemm jiswa il-lava rocks.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ltaqa mas-Sur Camilleri fejn stqarr miegħu li xtaq li kien prezenti qabel għax jaħseb li konna inlestu qabel, hu qal illi tkellem miegħu fuq id-dawl temporanju biex jaħdem il-Kunsill kif ukoll fuq id-dawl ta barra kif ukoll fuq l-ilma sabiex napplikaw kemm jista jkun malajr għas-servizz tal-ilma.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi xorta trid tirċivi compliance mingħand il-MEPA qabel ma jtuk l-ilma.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi ilma hemm għax it-toilet jaħdem.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ilma fil-main m'għandnix alissa issa jekk irridu nistennew il-compliance għandna mezz ieħor kif ninqedew. Hu qal illi bħala dawl ser juza single fase u ma nistgħux nqabdu kollox mill-ewwel.

Il-Kunsillier is Sur Charlot Mifsud qal illi l-kuntrattur tal-Airconditions ma jistax jipprova s-sistema peresli ma hemmx dawl ħlif dak temporanju għaliex is-sistema fil-prezent ma tiflaħx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb ikollna insurance fuq il-post il-ġdid.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ser ikun qed jinforma lill Insurance sabiex jiġi is-surveyor biex naraw x'ser inzidu fl-insurance.

**32.2.11** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq pagna 2 artiklu 31.2.4 jekk kellnix risposta min naħa ta TM fuq it-trasport pubbliku ta' Zonqor.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tkellem ma rapprezentant ta TMu qalulu li għadhom qed jiddiskutu għaliex mumiex biss qed jikkunsidraw il-lokal tagħna għalhekk qed jipprovaw jagħmlu pjan għal lokalitajiet l-oħra ukoll u joħorġu bi pjan ħolistiku.

**32.2.12** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 31.2.8 u staqsa jekk il-Kunsill hux qiegħed mingħajr website fil-prezent.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi website tal-Kunsill ser tideriġih fil-website tal-LCA fejn hemm l-informazzjoni fuq kull lokalita'.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-aħħar li tkellimna ġejna nfurmati illi l-website ġiet hacked.

Is-Seretarju is-Sur Josef Grech qal illi konna ser ngħamlu website ġdida u ridna stima pero għadna ma rċivejnijix.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi fil-bidu tal-legislazzjoni hu kien mitlub sabiex jgħamel il-website tal-Kunsill u kien lestija min naħa tiegħu pero qatt ma telat online u għalkemm m'hijix mija fil-mija lesta fadlila affarijiet zgħar ħafna xi jsiru.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jħoss li tajjeb li l-wesbite li ħadem fuqha l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri tieħu post dik li kellna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed jiltaqa ma bosta residenti fejn jinfrumawh illi mhux qed ikunu jistgħu jikkomunikaw mall-ħaddiema tal-Kunsill u għalhekk jekk ikollna l-website din ma tibqax problema.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hemm diversi mgħoddi kif tikkomunika magħna u dan permess ta-imejl jew inkella min fuq Facebook filwaqt li biex isir permess tezisti website apposta u anke biex jitħallsu ċitazzjonijiet.

**32.2.13** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward il-komunikazzjoni biex issir wifi fil-Ġnien Sant Anna man-network tal-Kunsill.

Is-Seretarju Ezekuttiv qal illi tista issir modem pubbliku issa li hemm il-binja aktar faċli li ssir. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wifi hemm fi Pjazza Mifsud Bonniċi kif ukoll fi Ġnien Alfred Debono u Ġnien David Vella.

**32.2.14** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagna 10 artiklu 31.7.6 fejn il-Kunsill kien qabel illi ser nikkuntattjaw lit TM fuq l-issue tal-Yacht Marina u ried ikun jaf jekk intbgħatitx.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ntbgħatet pero ma rċivejna xejn.

Kien hemm qbil li jintbgħat reminder.

**32.2.15** Il-Kunsillier is -Sur John B Camilleri qal illi is-Sindku semma Triq San Ġwakkin fejn tranġaw it-tappieri pero jixtieq jiġbed l-attenzjoni illi t-triq il-ġdida tar-ridott għal Triq il-Qaliet hemm problema għaliex hemm tappieri kif tiela t-telgħa li qed tħabbat u anke forsi issir slow sign.

is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta t-triq tkun ġdida dawn l-affarijit isiru min TM il-Kunsill ser jinfurmahom pero x-xogħol l-ewwel darba jsir min naħa tagħhom.

**32.3** **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**32.2.1** **<u>Talba mill-ghaqda muzikali sant Anna ghal koncessjoni temporarja ghall-imwejjed u siggijiet:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għal xi raġuni din l-email ma kienetx daħlet il-Kunsill meta ntbgħatet u staqsa għaliex kienet daħlet dik tal-Kazin Laburista u mhux tal-Kazin tal-banda? Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qabel illi jekk ngħatu l-approvazzjoni lill kazin ser ngħatu anke lil-għaqda għal parkeġġ wieħed quddiem il-kazin.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemm ukoll parkeġġ tad-dizabbli.

Is-Sindku qal illi dik hija personalizzata u m'għandiex x'taqsam ma din it-talba.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi il-kumitat applika għall-16mtrs2 pero meta s-Sindku ivverifika irrizulta li kien zball allura riedu biss parking bay waħda. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din ir-request hija aktar safe mill-oħra tal-kazin laburista pero mill-banda l-oħra konna tkellimna fuq ir-reperkussonijiet li jistgħu jinqalaw fil-kaz li jibdew isiru talbiet minn stabbilimenti oħra.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din m'għandix x'taqsam mall-ħwienet ta' Triq ix-Xatt.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-problema maġġuri hija dik li dawn mhux jitpoġġew fuq il-bankina izda fit-triq.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi meta jkun hemm il-Kazin magħluq xorta l-parkeġġ qed ikun okkupat min siġġijiet u umbrellel.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jaqbel li dan m'għandux ikun u hu diġa kellem s-Segretarju tal-kazin dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan il-permess jistgħax ikun bil-ħinijiet stipulati fih.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kull permess maħruġ ikun fih illi l-ebda stabbililment ma jista jħalli mwejjed u siggijiet barra matul il-lejl u hu jħossu kuntent meta jara l-istabbililment fi Triq ix-Xatt jimxu ma dan għaliex hawn lokalitajiet oħra li dan ma jseħħx.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tajjeb nibgħatu *no objection* kif ukoll hekk kif għamilna fil-kaz tal-Kazin tal-Partit Laburista inizzlu li l-Kunsill ma jkunx responsabbli min xi inċident li jista jseħħ.

Kien hemm qbil unanimu.

**32.2.2** **<u>Installation of charging pillars in our Locality:</u>**

Is-Segretarju s-Sur Josef Grech qal illi rċivejna korrispondenza mill-Ministeru tal-Enerġija fejn fil-mument qed jiġbru data mill-Kunsill tal-postijiet li nissuġerixxu li jsiru charging pillars , hu qal illi hemm minnhom li huma antiki u ser jinbidlu u hemm oħrajn liser isiru ġodda, kompla jgħid illi il-ħsieb hu li jsiru madwar 362 f'70 lokalita'. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-prezent f'Marsaskala hawn fi Triq is-Sibbien, Dawret il-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll fi Triq Santa Tereza. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi infurmawna ukoll illi għalkemm il-Kunsill ser jgħamel il-proposti tiegħu dawn m'humiex finali.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ta' Triq Santa Tereza ser tinqala għaliex ser taqa d-dar li hemm ħdejha u għalhekk trid tiġi rilokata. il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ta Triq Santa Tereza nistgħu npoġġuwa fl-istess triq.

is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser nmexxuha wara l-Kunsill il-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li issir waħda fil-car park fi Ġnien Antoine Randich, fi Triq Għaxqet l-Għajn, ħdejn Torri San Tumas u fil- car park ta' Triq San tumas taħt il-ġibjun. is-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk jistgħux ikollna l-*google coordinates* għaliex hekk qed jitolbu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal tajjeb ngħamlu oħra fi Triq Lorry Sant u anke oħra ħdejn Bellavista jew fi Triq iz-Zafran jew ħdejn il-kamra tad-dawl kif ukoll ħdejn Ġnien Charles Clews kif ukoll ħdejn l-iskola San Ġwakkin.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi anke flok station waħda isiru tnejn wara xulxin.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal jista jkollok *dual outlet* ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal tista issir oħra ħdejn l-Inspire.

Is-Sindku issugerixxa fi Triq il-Gross k/m Triq il-Buttuniera.

Is-Sindku qal illi għandna problema bil-parkeggi iġifieri irridu nieħdu ħsieb li ninfurmawhom illi għandhom jgħazlu ftit mis-suġġerimenti li tajnihom għaliex inkella ser ikollna problema oħra bħal ma diġa għandna minħabba li tajna tal-GOTO fejn dawn jekk tipparkja fuq il-parkeġġ tagħhom joħdulhek in-numru u jirrapurtawk pero huma jipparkjaw fuq parkeġġ mhux tagħhom. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke din il -ġimgħa sab kullimkin scooters fejn anke jekk il-Kunsill iddiskuta din il-proposta ma tajna l-ebda permess u issa jinsabu mitfugħin kollha fuq il-promenade ma kullimkien u dan mhux sew.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-problema tal-iscooters hija ta min qed juzhom mux tal-operatur għax jekk dan jieqaf ħdejn id-dar jitfaw ħdejn id-dar u jħallih hemm u kompla jgħid illi fl-Ewropa diĠa qed jillimitaw il-kuntratturi li jistgħu jissuplixxu dawn l-iscooters.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm pollution kbira ta dawn l-electric scooters barra minn Malta.

**32.4 Twegibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-eba mistoqsija

**32.5 Rapporti:**

Ma kienx hemm rappporti.

**32.6 Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ:**

Ma kienx hemm items oħra.

**32.7 Korrispondenza:**

**32.7.1 Aġġornament Proġett Studju EUCF (35/3748/21/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal kien kellem lil Kunsilliera diġa fuq dan il-proġett u kienet saret laqgħa qabel il-laqgħa annwali . Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi f'dan l-istudju ser jara ukoll x'inhu l-impatt ta ċertu mistoqsijiet li saqsew il-Kunsilliera u hu għaddihom lis-Sur Matthew Mallia u ser tkun qed tkun parti mill-istudju, dan il-proġett ser isir mar-Reġjun kif ukoll mal-istitut tal-enerġija sostenibli fi ħdan l-Universita' ta' Malta u f'din il-laqgħa li kellna tkellimna mal-professur. L-applikant ser ikun il-Kunsill u dan l-istudju ser jiswa madwar €60000 fejn ser ikunu mħallsa mill-Unjoni Ewropeja, hu qal illi għazlu l-Marsaskala biex inkunu l-project leader pero dawn il-PVC Panels jistgħu isiru anke f'Marsaxlokk u Birzebbuġia fejn ser jiġu ikuntattjati u nfurmati anke huma b'dak il-proġett u għalhekk dan hu biss studju u mhux ser inkunu qed nikkomettu ruħna li dan il-proġett isir u jekk il-Kunsill jaċċetta dan l-istudju il-fazi li jmiss hija li issir applikazzjoni ġewwa l-MEPA u dan huwa proġett li jieħu tul ta zmien pero irridu nibdew min ximkin. Hu qal illi jekk ikun hemm Kunsilliera li jkollhom aktar mistoqsijiet validi tajjeb li tibgħatuhom lis-Sur Mallia u tikkupjaw anke lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jħoss li dan hu proġett pozittiv u ser ikun qed jinvolvi ruħu.

Is-Sindku qal illi is-Sur Mallia huwa persuna li jħobb ħafna lil Lokal tagħna b`hekk għamel mill-aħjar biex dan l-istudju isir fil-lokal tagħna. Hu tajjeb li min jixtieq jibgħat xi mistoqsijiet jibgħatuhom direttament lill-Kunsill umbagħad is-Segretarju Ezekuttiv jibatom lis-Sur Mallia anke għaliex aħna il-Project leaders.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu kien diġa qajjem il-punt li Marsaskala għandu jitlob għal xi ħaġa x'nistgħu nigwadanjaw għal Lokal.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi fil-verita il-lokali x'jigwadanja għandu u mhux x'jitlef.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi dan il-proġett xorta waħda ser ikollu impatt fuq il-Lokal għalhekk nagħmlu ser jekk nitolbu ezempju rati aħjar għar-residenti tal-lokal tagħna la darba dan il-proġett isir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi nistgħu nitolbu illi parti mill-enerġija iġġenerata tkun tista tintuza biex jinxtel il-promenade jew xi ġonna jew anke l-bini tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk jistgħux isiru pannelli fuq il-bini tal-Kunsill il-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kif nisetiljaw nistgħu napplikaw għal skemi aktar u aktar issa li l-panelli jista jkollhom inklinazzjoni ta biss 5% u għalhekk ma jkunux jidru min fuq il-bejt.

32.7.2 **<u>Ġemellaġġ maċ-Ċina:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex terġgħa issir reminder lid-Dipartiment rigward il-ġemellagg maċ-Ċina għaliex għad ma rċivejniex l-ebda risposta.

32.7.3 **<u>Ħsarat fil-vettura fi Triq tal-Ħamrija (35/3731/21/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċivejna korrispondenza mingħand resident illi qed jgħid illi ġarrab ħsarat fil-vettura tiegħu minħabba l-istat li kienet fiha t-triq, hu qal illi t-tip ta claim li qed issir m'hijiex ta' tyre izda qed jgħid illi irid ibiddel il-bearings, clips u pushes tal-bumper li dawn huma affrijit ta *wear and tear* ta karozza.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi t-trinka hija tal-*water works u* il-ħsarat ma ġewx speċifikati fejn saru.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi apparti min hekk il-Kunsill ma jacettax dan it-tip ta claims għaliex meta jmorru il-bush jew clips tal bumper ma jiġux min ħofra f'Marsaskala għaliex ħofor hawn ħafna fil-lokal apparti li dawn it-trinek huma tal-water works pero dawn m'humiex claims li naċċettaw.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi fir-rapport m'hemmx diskrizzjoni tal-inċident.

Kien hemm qbil unanimu.

32.7.4 **<u>Performance Bonus tal-Ħaddiema tal-Community Workers Scheme u RSS Ltd:</u>**

Is-Seretarju Ezekuttiv qal illi l-ħaddiema jingħataw bonus darba f'sena u għalkemm ma nagħtux l-għola livell xorta ntuwhom bonus.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li dawn il-ħaddiema nuzawhom kemm nistgħu la darba qed ntuwhom ukoll il-bonus.

32.7.5 **<u>Performance Bonus ghall-haddiema klerikali tal-Kunsill kif ukoll tas-Segretarju Ezekuttiv:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ħaddiema kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv jaħdmu bil-qalb u dejjem issibhom hemm meta jkollok bzonn, qal li xogħolhom jagħmluh sew u għalhekk ħaqqhom dan il-bonus.

Kien hemm qbil unanimu.

32.7.6 **<u>Zieda fl-iskala tas-Sinjura Sharon Schembri:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi is-Sinjorina Schembri jmissa titla fi skala 10.

Kien hemm qbil unanimu.

32.9 **<u>Mozzjonijiet:</u>**

32.9.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri 084-29/11/21:</u>**

*''Jipproponi li l-bollards faccata tal-knisja jitnehhew kemm jista jkun malajr izda nhallu z-zebgha ta' ma l-art. Hafna karozzi ikollhom jghaddu mill-ilma bahar.''*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dawn kienu saru fi zmien li kien hemm tal-ħaxix.

Is-Sindku qal illi jekk jitla l-ilma baħar xorta waħda ħa jitla bihom u mingħajrhom pero hu jaħseb li ħa mmoru lura jekk ineħħhuhom u ħa noħolqu caios u qal illi anke ġieli daħlu fihom għaliex min ċertu drivers ma hemmx rispett u ma jaqbilx miegħu li għandhom jitneħħew,il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu kellu ftit ilmenti u anke hu jkollu jgħaddi mil ilma baħar.

Is-Sindku qal illi qabel kienu jduru kontra r-roundabout u l-ilma baħar ma jitlax kuljum li nistgħu inaqqsuha ftit pero li ineħħuha ma jaqbilx anke wara l-quddies ikun hemm aktar sigurta bihom.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi aktar hemm vantaġġi min zvantaġġi bihom.

Kien hemm qbil li jinzammu l-bollards.

**32.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri 085 - 1/12/21:</u>**

*Jipproponi li l-Kunsill jghamel manutenzjoni li hemm bzonn fuq il-bajda u s-sewda.*

Is-Sindkju qal illi jaqbel u hu diġa kellem lis-Sinjura Aquilina mill-MTA u tajjeb nerġgħu nibgħtulhom reminder.

**32.9.3** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja 086-2/12/21:</u>**

*Jipproponi sabiex qabel ikun tard wisq jitlob l-għajnuna mill-Ministeru tal-Kultura fuq restawr ta' zewġ binjiet storiċi ġewwa l-lokal ta' Marsaskala. Qed nirreferi għar-ridott tal-Franċiz fil-Munxar il-Bajja ta' San Tumas. Binja imprezzabli u qed tiġġarraf biċċa biċċa. Binja oħra fi triq Apap Bologna. Din fortizza ta' zmien il-gwerra f'konfini privati. Qed nistennew xi daqqa ta' trakk u taqa. Hemm bzonn jittieħdu ritratti kif suppost u jintbgħatu l-Ministeru tal-Kultura.*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din tinsab ta periklu kbir u setgħa faċilment bgħat lil ħaddied tal-Kunsill pero qed jibza tant qeda fix-xifer u jekk tiġġarraf mhux ser terġggħa tinbena u f'dak il-kaz nmoru fil-periklu li tingħata għal bini u dan hu patrimonju Malti u m'għandniex nitilfuha u anke r-ridott tal-franċiz fejn hu diġa kien talab li noħorġu espressjoni ta interess għax dan qed jittikel u jekk mhux jittieħdu passi anke dan ser nitilfuh.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi konna bgħatna lil Ministeru u qalulna li irridu noħduha f'idejna fejn aħna la għandna l-fondi u lanqas aħna intizi f'dawn laffarijiet.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb nkomplu niġġildu sabiex titranġa minn naħa tal-Gvern jew tinħareġ xi espressjoni ta nteress.

Kien hemm qbil illi niktbu lill Ministru tal-kultura jew l-Ministeru responsabbli sabiex tittieħed azzjoni fuq zewġ binjiet storiċi li jekk mhux ser isir xejn dwarhom ser jiġġarfu.

**32.10** **<u>Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 20 ta' Dicembru 2021.

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |